ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 50/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 11 ta' Mejju 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien skużat (ittra tal-Kunsillier Debono mehmuża mal-minuti bħala Dok. B).

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 49/10

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 49/10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Pġ. 2 it-tieni para. – Is-Sindku għamel referenza għall-argument imsemmi fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal *meters* tad-dawl temporanja u qal li l-argument inqala' mill-Kunsillier Refalo u mhux bejnu u Refalo. Kien hemm qbil dwar dan u ttieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Dwar l-ittra ta' Joseph Cefai fejn talab biex ikun terminat il-Kuntratt tiegħu, is-Sindku qal għandu jitniżżel fil-minuti li Cefai ressaq din it-talba peress li kien ser jirtira mix-xogħol.

Dwar ix-xiri ta' rigali għall-ħarġa tal-anzjani, is-Sindku talab biex jitniżżel fil-minuti li rigali nxtraw ukoll mill-Kunsilli Lokali tax-Xagħra u ta' Sannat.

Ittieħdet nota ta' dawn il-punti fil-minuti.

Il-Deputat Sindku qal hu kien tkellem dwar Triq il-Madonna taċ-Ċiċri u x-xogħol li kellu jagħmel il-Perit pero` dwar dan ma tniżżel xejn fil-minuti.  Kien maqbul li l-Perit jintalab biex fi żmien ġimgħa jibgħat jindika x-xogħol li hemm bżonn isir fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri u stima tax-xogħol.

Id-Deputat Sindku rrimarka dwar il-mod ta' kif kien qed isir ix-xogħol fi Triq il-Qolla l-Bajda.

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet bagħtet ittra lil ta' Road Construction dwar it-tieni kisja ta' Triq ix-Xwejni u l-kisi ta' parti minn Triq il-Qolla l-Bajda.

Il-Kunsillier Refalo qal li fuq il-*promenade* ta' Marsalforn tħalla kumpressur u minnu kien ħiereġ il-*fuel*.  Is-Sindku qal dak il-kumpressur kienu qed jużawh il-ħaddiema tal-Kunsill u li dak in-nhar stess kien ser jinġabar.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI 49/10

Id-Deputat Sindku għarraf lill-Kamra li l-festival sportiv tat-tfal tal-iskola ma kienx sar.

Il-Kunsillier Camilleri rrefera għall-korrezzjoni li talab biex issir is-Sindku għall-Minuti 48/10 dwar il-vot fir-rigward tal-kont Ta' Pennellu Restaurant.  Is-Sindku qal kien talab biex issir tali korrezzjoni peress li kien ittieħed vot.

## 4. KORRISPONDENZA

**Applikazzjonijiet għal permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Rita Cini<br>Applikazzjonijiet għal *meter* tad-dawl temporanju għall-kjosk tagħha fix-Xwejni – Sajf 2010. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

| | |
|---|---|
| Victor Refalo ta' Ekxa Kiosk<br>Għal divertiment pubbliku<br>nhar it-12 ta' Ġunju 2010<br>f' Misraħ M' Anġ Refalo. | Approvata. |
| Manuel Sultana – Piu 39, Unwined,<br>L-Aragosta, Ta' Pennellu<br>Għal tqegħid ta' *big screen*<br>(għal World Cup)<br>bejn il-11 ta' Ġunju u l-11 ta' Lulju 2010<br>fi Triq il-Port | Approvata<br>(mis-7.00p.m. sas-1.00a.m.). |

Il-Kunsill qabel li mill-1 ta' Ġunju jagħlaq għat-traffiku Triq il-Port u l-Menqa (il-Menqa jitħallew jidħlu r-residenti tat-triq u r-residenti tal-lukanda wara l-ħin tal-għeluq tat-triq) – ser tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

| | |
|---|---|
| Għaqda Armar Santa Marija<br>Għal serata ta' talent Żebbuġi<br>nhar it-12 ta' Ġunju 2010<br>fi Pjazza l-Assunta. | Approvata. |
| James Said<br>Għal tqegħid tal-*bumping cars*<br>bejn it-18 ta' Ġunju u d-9 ta' Settembru 2010<br>fil-*car park* ta' Marsalforn. | ** |

** Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tgħaddi kopja tal-ittra ta' Said lill-Kunsilliera biex ikunu jistgħu jifformulaw opinjoni.
Leo u James Said li kienu preżenti għall-laqgħa ndirizzaw lill-Kunsill.
Intqal li l-volum tal-mużika m' għandux iwassal sa wara l-bini tal-latrina tal-*car park.*
James Said qal li jekk il-*car park* jimtela aktar minn ħames darbiet f' Lulju, huwa lest li f' Awissu ma jarmax.

Ġie deċiż li ssir *site visit* nhar it-13 ta' Mejju fl-10.30a.m.

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġie suġġeriet li l-Kunsill jgħaddi l-ħaddiema tad-Dipartiment li għandu miegħu biex jingħaqdu mal-*pool* tal-ħaddiema tal-IPSL.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li l-Kunsill ingħata tlett ħaddiema oħra minn tal-IPSL għal Marsalforn. Semma l-inċident li nqala' mal-Inġ. Bajada fejn beda jagħti l-ordnijiet lil dawn il-ħaddiema.

Il-Kunsill ftiehem li l-ħaddiema tal-IPSL jagħmlu dawn ix-xogħlijiet:

- jinżebgħu l-fanali (il-parti ta' fuq tal-fanali) ta' fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.
- xogħol ta' konkos fi Triq il-Wied, il-ġewwa minn Ekxa Kiosk.
- bankina ġdida taħt ir-riħ ta' Triq Santa Marija, il-ġewwa mill-Otters.

Dwar jekk il-Kunsill jgħaddix il-ħaddiema li għandu miegħu lill-Kumpanija IPSL, is-Sindku ressaq il-proposta tad-dipartiment għall-vot.

Favur – is-Sindku
Kontra – il-Kunsillieri Camilleri u Refalo
Astensjonijiet – id-Deputat Sindku.

Il-vot m' għaddiex.

Komunikat mibgħut mis-Segretarjat għall-Kunsilli Lokali dwar Memo 12/2010 – għajnuna għat-tħawwil ta' siġar. Il-Kunsill ma aċċettax il-proposta li joħroġ terz tal-ispiża €1,235.80 għal 37 siġra.

Ittra tal-Kumitat Lejlet Lapsi dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-attivitajiet tan-Notte Gozitana 2010.

Avviż maħruġ mill-Funding Unit tal-MEUSAC dwar sejħa ġdida għal proġetti taħt il-programmi tal-Unjoni Ewropea ESF u ERDF. Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat juri l-interess tiegħu f' dawn il-programmi.

Ittra mibgħuta mill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-inċentivi biex il-Kunsilli jkollhom aċċess illimitat liberu fis-sistema tal-*e-applications* tal-MEPA. Il-Kunsill qabel li japplika għal dan is-servizz.

Resident qed jilmenta dwar bejjiegħ tal-ħaxix li ta' kull sajf qed jarma fi Triq il-Munġbell u semma wkoll il-*hawkers* li jarmaw fi Triq il-Wied. Is-Sindku qal l-ittra ta' dan ir-resident nistgħu ngħadduha lill-pulizija meta niltaqgħu mal-Assistent Kummissarju.

Il-Kunsillier Refalo semma laqgħa li n-negozjanti kellhom mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Azzopardi u dwar il-kwistjoni tal-*hawkers* kien qallu li *street hawker* jekk ma jkollux bejgħ irid jimxi u ma joqgħodx f' distanza ta' 150 metru minn kwalunkwe ħanut.

Diversi *e-mails* b' ritratti mibgħuta mill-membru tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn Joe Zammit.

Dwar il-ħsara quddiem il-*boathouses* il-ġewwa mill-Pierre's Restaurant, is-Sindku qal li kien għadda l-ilment lill-Ministeru għal Għawdex u s-Segretarji Parlamentari DeMarco u Said. Qal inġab il-permess tal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u x-xogħol għandu jkun lest sal-aħħar ta' Mejju jekk it-temp jippermetti.

Dwar pilastru mgħawweġ fuq il-*promenade* ta' Marsalforn, il-Kunsill approva li dan il-pilastru jitranġa u jagħmel ix-xogħol Nicky Saliba.

Dwar il-pajpijiet tal-umbrellel imwaħħla fil-bankina ta' Triq il-Wied, il-Kunsill ftiehem li jgħaddi l-ilment lid-Dipartiment tal-Artijiet.

Il-Kunsill approva li jagħmel it-trinka biex ikun trasferit arblu tal-Enemalta l-ġewwa mill-Otters taħt ir-riħ ta' Triq Santa Marija.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

**Dawn il-pagamenti kienu approvati:**

Konsum u kera tal-linja tal-fax (GO) €27.97
Tiswija ta' bank fi Triq Mons Giuseppi De Piro (Mario Vella) €10.00
3 arbli tal-i*stainless steel* għall-attivitajiet tal-Kunsill
(Ganni Cini) €814.20
Kaxxa għall-*meter* tad-dawl tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ
(Ganni Cini) €174.70
Servizzi ta' *open skip – upgrade* tal-berġa (Louis Attard) €118.00
Kera tal-ewwel sular tal-bini tal-Kunsill 06/03 – 31/03/2010
(Anthony Vella) €165.76
Kera tal-ewwel sular tal-bini tal-Kunsill 01/04 – 05/09/2010
(Anthony Vella) €997.76
Servizzi ta' librara – April 2010 (Joanne Grima) €46.64
Servizzi ta' ġarr ta' flus – April 2010
(Group 4S Security Services Ltd) €30.44
Tiswija u bdil ta' diversi lampi (Richard Cauchi) €4,301.95
Servizzi ta' għannejja u daqqaqa – Ilwien ir-Rebbiegħa 2010
(Frank Portelli) €480.00
Parteċipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegħa 2010
(Cini Brothers Band) €85.00
Parteċipazzjoni fl-attivita` tal-Karnival 2010
(Cini Brothers Band) €100.00
Preżentazzjoni tal-attivita` tal-Karnival 2010
(Joe Cini) €35.00
Għal xogħol relatat mal-attivitajiet ta' Ilwien ir-Rebbiegħa u Jum iż-Żebbuġ 2010
(Kumitat Armar Santa Marija) €872.00
Is-Sindku rrimarka li meta ġejna biex nagħtu bidu għaċ-ċerimonja, l-armar ma kienx f' postu. Qal li dak li hu tal-Banda jrid isir mill-Banda.
Servizzi ta' fotografu – Ilwien ir-Rebbiegħa 2010
(Joseph Mercieca) €575.00
Tabelli tat-traffiku ġodda u tiswija ta' diversi tabelli
(Refalo Signs) €540.44
Twaħħil ta' pajpijiet fil-kantuniera ta' Triq il-Plejju u tabella tat-traffiku
(Refalo Signs) €247.80
Parteċipazzjoni fl-attivita` tal-Karnival 2010
(Terry Ann Saliba) €50.00

Parteċipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegħa 2010
(Terry Ann Saliba) €50.00
Trasport tat-tfal tal-iskola primarja – Marzu – April 2010
(Felix Cini) €151.38
Provista u twaħħil ta' poġġaman tal-ħadid għall-*promenade* ta' Marsalforn
(Ganni Cini) €15,176.25
*Contract Manager Fee* – poġġaman tal-ħadid għall-*promenade* ta' M' Forn
(il-Perit Edward Scerri) €798.75
Spejjeż *extra* – poġġaman tal-ħadid għall-*promenade* ta' M' Forn
(Ganni Cini) €1,860.00
Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tgħaddi dan il-kont lill-Kumitat Proġett ta' Marsalforn fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.
Parteċipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegħa 2010
(Marisa Damato) €279.52

## 6. SKEMA TA' ENERĠIJA RINOVABBLI GĦAR-RESIDENTI

Anthony Saliba mill-Kumpanija Solar Engineering li kien preżenti għall-laqgħa tkellem dwar l-iskema mnedija mill-Gvern għal xiri ta' *solar water heaters* u pannelli fotovoltajiċi. Is-Sur Saliba qal jekk ikun hemm grupp ta' persuni nteressati fix-xiri ta' xi sistema, ikun jista' jagħti prezzijiet aħjar bħala grupp.

Il-Kunsill qabel li jaħdem mal-Kumpanija Solar Engineering u li fl-avviżi tiegħu li jmiss jagħti pubbliċita` lil dawn is-sistemi.

Il-Kunsill qabel li joħroġ sett ta' avviżi tal-kulur.

## 7. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

PROVVISTA TA' KONKOS

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienu ntefgħu żewġ offerti għall-Kuntratt tal-provvista ta' konkos. Qalet li dawn l-offerti huma ta', b' valur ta':

| | |
|---|---|
| Rotciv Co Ltd | €254.40 |
| Gatt Tarmac Ltd | €241.99 |

KOSTRUZZJONI TA' BANKINI

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienu ntefgħu seba' offerti għall-Kuntratt tal-kostruzzjoni ta' bankini. Qalet li dawn l-offerti huma ta', b' valur ta':

| | |
|---|---|
| Vella Const. Servs. Ltd | A - €862.50 |
| | B - €996.50 |
| Joe Grima | A - €981.41 |
| | B - €1,107.61 |

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | A - €519.84<br>B - €622.54 |
| Rotciv Co Ltd | A - €587.70<br>B - €732.20 |
| Gatt Tarmac Ltd | A - €987.99<br>B - €1,112.64 |
| Frederick Zerafa (mingħajr il-garanzija tal-offerta) | A - €864.75<br>B - €982.75 |
| Buġeja Bros Gozo Ltd | A - €696.01<br>B - €719.91 |

A – tal-*paving blocks*
B – tal-i*stenciled concrete*.

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet dawn l-offerti ma setgħux ikunu diskussa peress li l-Perit kien għadu m' għaddiex ir-rapporti tiegħu.

Il-Kunsill qabel li japplika mal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għal fondi tal-UIF għall-proġett ta' stallazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Għajn Mhelhel, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri u Triq l-Għażżiela, proġett ta' €37,035.

## 8. XOGĦLIJIET FIL-LOKALITA ` (ħaddiema tal-IPSL)

Dan l-*item* kien diskuss aktar qabel fil-korrispondenza.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill qabel li:

- jorganizza ħarġa għal Malta nhar is-7 ta' Ġunju 2010.
- ikun organizzat trasport għal kunċert li ser jittella' milll-Malta Institute for Culture f' Le Meridien St Julians Hotel.
- japplika ma' Transport Malta biex isiru *double yellow lines* quddiem l-entratura tas-Supermarket Ta' Dirjanu fi Triq il-Qbajjar.

Fuq proposti tas-Sindku, il-Kunsill qabel li:

- jibgħat ittri ta' awgurju lil Kor White Roses, Chorus Unda Maris, l-aħwa Godwin u Matthew Cini u Fr Noel Saliba rebbieħa fil-festival Marjan li nżamm fl-Oratorju Don Bosco.
- jagħmel sejħiet għal kwotazzjonijiet għad-dwal, is-sound u għal *screen* biex jerġa' jittella' l-Musical 'Għeruqna'.
- jagħmel xogħol ta' traqqiegħ bil-konkos fit-triq li tagħti għal Tal-Bajjad; jagħmel ix-xogħol Nicky Saliba.
- in-nies tal-Korporazzjoni għax-Xogħlijiet u t-Taħriġ jaqtgħu l-ħaxix fit-toroq mhux urbana.

Il-Kunsill approva:

- x-xiri ta' *grass cutter* u *chainsaw* mingħand Ronnie Mizzi.
- erba' bankijiet ġodda għal fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.

Dwar il-Kumitat Festival tal-Logħob tan-Nar, il-Kunsillier Refalo lmenta għall-fatt li hu tħalla barra dan il-Kumitat u staqsa min għażel il-membri ta' dan il-Kumitat?

Is-Sindku wieġeb li s-Segretarjat għall-Kunsilli Lokali għażel il-membri ta' dan il-Kumitat.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fit-8.30 ta' filgħaxija għal nhar it-Tlieta, l-1 ta' Ġunju 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***

**Dok. A**

**Seduta Nru. 50/10**

## Ċedola tal-Pagamenti

| | |
|---|---|
| *E-mail accounts* tal-Kunsillieri 1-3/2010 | |
| (MITA) | €19.92 |
| Provvista ta' ramel għall-*upgrade* tal-berġa | |
| (Road Construction Co Ltd) | €30.92 |
| Traqqiegħ bil-*cold asphalt* ta' Triq ix-Xwejni – xogħol li sar fl-2009 | |
| (Joseph Cefai) | €1,151.22 |
| Traqqiegħ bil-*cold asphalt* ta' Triq il-Forn – xogħol li sar fl-2009 | |
| (Joseph Cefai) | €1,101.09 |
| Traqqiegħ bil-*cold asphalt* ta' Triq il-Qbajjar – xogħol li sar fl-2009 | |
| (Joseph Cefai) | €310.22 |
| *Contracts Manager Fee* – traqqiegħ ta' diversi toroq għal xogħol li sar fl-2009 | |
| (il-Perit Edward Scerri) | €134.87 |
| Spejjeż tal-uffiċċju | |
| (Smart Office Supplies Ltd) | €86.80 |
| Servizz ta' kurrier | |
| (Gozo Express Services ) | €8.26 |
| *Binding* tal-Ftehim Żebbuġ - Mqabba | |
| (Portelli) | €24.00 |
| Stampar tal-programm ta' Ilwien ir-Rebbiegħa | |
| (B.C.D. Printing Ltd) | €480.00 |
| Stampar tal-inviti għaċ-ċerimonja ta' Jum iż-Żebbuġ | |
| (B.C.D. Printing Ltd) | €29.50 |
| Stampar tal-*poster* ta' Ilwien ir-Rebbiegħa | |
| (B.C.D. Printing Ltd) | €68.44 |
| Tindif ta' l-uffiċini tal-Kunsill – April 2010 | |
| (Salvina Bajada) | €45.44 |
| *Contract Manager fee* – April 2010 | |
| (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Ħlasijiet dovuta għal rimi ta' skart fil-miżbla – Marzu 2010 | |
| (WasteServ Malta Ltd) | €978.68 |
| Żebgħa, pniezel u *safety jackets* | |
| (Dominic Department Stores Ltd) | €199.99 |
| Żebgħa (Dominic Department Stores Ltd) | €879.63 |
| Parteċipazzjoni fl-attivita' tal-Karnival 2010 bil-maskri grotteski | |
| (Leone Band Club) | €70.00 |

| | |
|---|---|
| Parteċipazzjoni fl-attivita' tal-Karnival 2010 bil-kumpanija taż-żfin | |
| (Leone Band Club) | €50.00 |
| Servizz ta' fotografu - vandaliżmu fuq il-bini tal-Kunsill | |
| (Captured Memories) | €45.00 |
| Dekorazzjonijiet tal-Milied f' Marsalforn | |
| (Camilleri & Mifsud) | €329.22 |
| Parteċipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegħa 2010 | |
| (Georgina) | €177.00 |
| *Spot prizes* – ħarġa għall-anzjani 27-04-2010 | |
| (Kunsill Lokali Xagħra) | €55.74 |
| Servizzi ta' perit – Ġnien it-Tlett Għoljiet | |
| (il-Perit Edward Scerri) | €2,520.03 |
| 2 Bukketti ward – Jum iż-Żebbuġ 2010 | |
| (Fortunato Mifsud) | €70.00 |
| Preżentazzjoni ta' Ilwien ir-Rebbiegħa u ċ-ċerimonja ta' Jum iż-Żebbuġ 2010 | |
| (Joe Vella) | €331.40 |
| Assikurazzjoni – logħob tan-nar tal-art Ilwien ir-Rebbiegħa | |
| (KDM Insurance Brokers) | €421.00 |
| Tifkiriet u trofej – kompetizzjonijiet u attivitajiet li saru għal Jum iż-Żebbuġ | |
| (Playcraft) | €1,102.12 |
| Servizzi ta' fotografu – żjara tal-Onor. Said u tan-niċeċ taż-Żebbuġ | |
| (Joseph Mercieca) | €210.00 |
| Kiri ta' *bouncy castle* – Ilwien ir-Rebbiegħa | |
| (Maria Homoki) | €250.00 |
| Parteċipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegħa | |
| (Augusto Cardinale) | €200.00 |
| Bnadar | |
| (Jon David) | €269.00 |
| Servizzi ta' pulizija – Ilwien ir-Rebbiegħa | |
| (Dipartiment tal-Pulizija) | €114.78 |
| Marċ mill-Banda Santa Marija – Ilwien ir-Rebbiegħa | |
| (Soċjeta' Filarmonika Santa Marija) | €932.00 |
| Kunċert mill-Banda Santa Marija – Ċerimonja ta' Jum iż-Żebbuġ | |
| (Soċjeta' Filarmonika Santa Marija) | €932.00 |
| Parteċipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegħa | |
| (Joseph Refalo) | €46.58 |
| Mera u tabelli tat-traffiku | |
| (Refalo Signs) | €292.64 |

6 ta' Mejju 2010